TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Nathalie Farrugia

vs

Portelli & Brincat Ltd

CCT 2/22/MS

2 ta' Novembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-2 ta' Jannar 2022 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikundanna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta' erba' mija u hamsa u ghoxrin Euro, u dan wara li ordnat *vertical blinds* minghand is-socjeta' intimata, liema *blinds* ma gewx konsenjati fil-hin u ma kienux tal-kwalita pattwita.

Ra li s-socjeta' intimata rrifjutat in-notifika ta' l- avviz tat-talba fis-7 ta' April 2022 u ghalhekk din id-data ghandu jitqies bhala d-data illi fiha s-socjeta intimata giet validament notifikata skond il-ligi.

Ra illi s-socjeta' intimata ma dahlet l-ebda risposta u lanqas ma dehret quddiem dan it-Tribunal.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fi Frar tas-sena 2021 ir-rikorrenti ordnat *vertical blinds* minghand is-socjeta' intimata li kellhom jigu installati fi zmien xaharejn. Wara numru ta' telefonati l-partijiet ftehmu li l-installazjoni kellha ssir fl-4 ta' Gunju 2021. Hadd ma gie dakinhar u regghu ftehmu fuq gurnata ohra tlett ijiem wara, pero' ghal darb'ohra kien hemm '*no show*'. It-tielet appuntament rega' gie pospost min-naha tas-socjeta' intimata. Fl-ahhar, l-installazjoni saret fis-26 ta Gunju, pero' l-*blinds* ma kienux accettabbli u l-materjal ma kienx dak li kienet ordnat ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti marret fl-ufficju f'Santa Venera u

ghamlet l-ilment taghha u weghduha li kienu ser ibiddlu l-*blinds*, pero' meta dawn gew lura kien aghar minn qabel. Fit-8 ta' Lulju, offrew li jaghtuha d-depozitu lura jew inkella tistenna gimgha ohra sakemm jasal il-konsenja. Accettat li tistenna gimgha, pero' sa' Settembru kienet ghadha minghajr il-*blinds*, u fil-5 ta' Ottubru kancellat l-ordni u talbet lura d-depozitu li kienet hallset - u cjoe' mitejn u hamsin Euro.

It-Tribunal ra l-emails kollha skambjati bejn ir-rikorrent u s-sid Mauro Portelli, fejn jidher car illi dak kollu li xehedet ir-rikorrenti huwa minnu.

It-Tribunal jinnota wkoll li minkejja li s-socjeta' intimata ghazlet li tirrifjuta l-avviz tat-talba u ta' smigh, dan xorta jitqies bhala notifika valida skond il-ligi. Dan ma jawgura xejn tajjeb u jkompli jinduci lit-Tribunal fil-fehma tieghu illi s-socjeta' intimata mhijiex professionali u m'ghandha l-ebda rispett lejn il-klijenti taghha. It-talba tar-rikorrenti, ghalhekk hija inkontestata ghal kollox.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti qed titlob is-somma ta' erba mija u hamsa u ghoxrin Euro - kwantu ghal mitejn u hamsin Euro depozitu ghal *blinds* u kwantu ghal mija u hamsa u sebghin euro, danni ghal granet tal-*leave* li hadet ghal xejn minhabba l-appuntamenti kollha li jew gew kancellati min-naha tas-socjeta' intimata.
It-Tribunal josserva li kien hemm xi sitt appuntamenti b'kollox, u hames minnhom gew kancellati. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal ihoss illi r-rikorrenti ghandha ragun u ghandha tiehu xi formata' kumpens tad-dewmien u n-nuqqas ta' professjonalita'.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata thallasha s-somma ta' erba mitt euro (€400.00), kwantu ghal mitejn u hamsin euro depozitu ghal *blinds* u kwantu ghal mija u hamsin, kumpens kif fuq inghad. Bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura l-blinds wara li jsir id-debitu hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru